

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 63



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

18 ta' Marzu 2009

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kunsill

2009/C 63/01	Opinjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tad-Danimarka 2008-2015	1
2009/C 63/02	Opinjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Estonja 2008-2012	6

Il-Kummissjoni

2009/C 63/03	Avviż dwar l-adattament skont l-inflazzjoni ta' ċerti ammonti stipulati fid-Direttiva tar-Riassigurazzjoni	11
--------------	--	----

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni

2009/C 63/04	Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet	12
2009/C 63/05	Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	14

MT

2009/C 63/06	Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾	16
--------------	--	----

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni

2009/C 63/07	Rata tal-kambju ta' l-euro	18
--------------	----------------------------------	----

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni

2009/C 63/08	Sejħiet għall-proposti fil-kuntest tal-programm ta' ħidma "Persuni" tal-2009, tas-7 Programm Kwadru tal-KE għall-attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni	19
--------------	---	----

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni

2009/C 63/09	Avviż ta' ftuħ ta' proċedura ta' anti-damping rigward l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' kontroll tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	20
--------------	--	----

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni

2009/C 63/10	Komunikazzjoni mill-Minstru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda b'konnessjoni mal-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi	23
--------------	---	----



⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUNSILL

OPINJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Marzu 2009

dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tad-Danimarka 2008-2015

(2009/C 63/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2009 l-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza aġġornat tad-Danimarka, li jkopri l-perijodu mill-2008 sal-2011.
- (2) Fl-2008, id-deterjorament fl-ekonomija tad-Danimarka, wara perijodu twil ta' ġid ekonomiku, kien rapidu u evidenti, u dan ġie prinċipalment mill-bruda tas-suq tad-djar u t-taqlib finanzjarju li kull ma jmur dejjem qed jikber. Iktar 'il quddiem, domanda iktar dgħajfa, kemm mil-lat domestiku kif ukoll mil-lat internazzjonali, ser tħaffef din it-triq għan-niżla. Bil-kundizzjonijiet esterni li dejjem se jrin għall-aġar, l-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja u korrezzjoni b'metodu fis-suq tad-djar ser jippreżenta sfida partikolari. Fuq medda ta' żmien qasir jew medju, id-deterjorament ekonomiku u l-iżviluppi antiċipati fil-prezzijiet tal-assi u tal-enerġija ser ikollhom implikazzjonijiet diffiċli b'mod sinifikanti għall-finanzi pubbliċi.

B'mod speċifiku, huwa mistenni li jkun hemm pressjoni negattiva fuq id-dħul mit-taxxa tal-qligħ mill-fondi tal-pensjoni, mit-taxxi korporattivi u mill-estrazzjoni taż-żejt u l-gass mill-Baħar tat-Tramuntana li kull ma tmur hija stmata li dejjem qiegħda tonqos. B'garanzija ta' punt ta' tluq fiskalment stabbli, il-baġit adottat għall-2009 jinkludi tkabbir fiskali diskrezzjonarju ta' madwar punt ta' perċentwali tal-PDG, inkluż it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjt li jammonta għal 0,5 % tal-PDG. Il-pressjoni fuq il-krone Daniż u t-tnaqqis fuq ir-rata tal-kambju sfurzaw lill-bank ċentrali Daniż biex iżid ir-rati tal-interessi f'Ottubru tal-2008. Flimkien mat-tnaqqis tar-rati tal-interessi mill-BĊE, dan wassal għal twessigħ tal-firxa tar-rati ta' interessi uffiċjali fil-konfront tal-euro. Sussegwentement, fi tmiem l-2008 u l-bidu tal-2009, il-bank ċentrali Daniż naqqas ir-rata politika tal-interessi, wara t-tnaqqis tar-rati tal-interessi tal-BĊE u implimenta tnaqqis addizzjonali, li wassal għal tidjiq gradwali tal-firxa. Madakollu, il-firxa baqgħet għolja b'punt perċentwali kontra 0,35 punt perċentwali qabel il-kriżi.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm.

- (3) Ibbażat fuq ix-xenarju ta' sfond makroekonomiku, it-tkabbir PDG reali huwa pproġettat li jinżel minn 0,2 % fl-2008 għal -0,2 % fl-2009, u wara jirkupra għal 0,7 % fl-2010, b'medja ta' 1,7 % matul il-bqija tal-perjodu tal-programm. L-irkupru fl-2011-2012 jirrifletti suppożizzjonijiet tekniċi ta' lakuni fil-produzzjoni u l-qgħad li jingħalqu fl-2012 skont kif ikkalkulat mill-awtoritajiet Daniżi permezz tal-metodoloġija nazzjonali. Is-suppożizzjoni bażika hija li l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tiżdied gradwalment għal livell normali, sostnuta b'irkupru li jkun beda barra mill-pajjiż kif ukoll rati baxxi ta' interessi. Ivvalutat skont l-informazzjoni ⁽¹⁾ disponibbli bħalissa, dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir favorevoli. Fl-2009, it-tnaqqis fid-domanda domestika jidher sottovalutat fid-dawl tal-iżviluppi l-iktar reċenti. Mill-2011 'il quddiem, it-tkabbir jidher li ser ikun qed jiżdied ferm fid-dawl tat-tkabbir ta' produttività storiku u t-tkabbir potenzjali stmat. Fl-2009 huwa previst li l-inflazzjoni ser tonqos sostanzjalment għal 1,3 % u żżomm bejn wiehied u ieħor flivell ta' ftit inqas minn 2 % għall-bqija tal-perjodu tal-programm. Il-kawża tal-varjazzjonijiet mhijiex ċara iżda l-iżvilupp ipproġettat fid-deflator tal-PDG jidher realistiku.
- (4) Għall-2008, il-bilanċ favorevoli ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 3,1 % tal-PDG fit-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, imqabbel ma' mira ta' 3,0 % tal-PDG stabbilita fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' konverġenza. Minħabba r-reazzjoni kajmana tas-suq tax-xogħol għad-deterjorament ekonomiku, it-tkabbir tal-impieg u tas-salarji baqa' b'saħħtu għal biċċa 'l kbira tas-sena, b'riżultat ta' dħul ikbar ta' taxxa fuq l-introjt u inqas infiq soċjali milli previst. Sadanittant, il-kriżi finanzjarja wasslet għal dħul ħafna iktar baxx mit-taxxa tal-qligħ tal-pensjoni u t-taxxa korporattiva. Barra minn hekk, l-infiq qabeż il-projezzjoni minħabba l-infiq ogħla tal-konsum intermedju u trasferiment kapitali ta' darba għall-familji bħala parti mir-riforma tat-taxxa tal-qligħ mill-fondi tal-pensjoni tal-2007.
- (5) Għall-2009, il-programm jipprevedi baġit ġenerali tal-gvern ibbilanċjat, kontra previzzjoni ta' żbilanċ ta' 0,3 % tal-PDG fit-tbassir proviżorju tas-servizzi tal-Kummissjoni, li jimplika bidla negattiva ta' tliet punti perċentwali tal-PDG. L-istabilizzaturi awtomatiċi jammontaw għal madwar punt perċentwali tad-deterjorament globali. Barra mill-espansjoni fiskali diskrezzjonarja ta' madwar punt perċentwali tal-PDG, inkluż xi tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjt ta' 0,5 punt perċentwali tal-PDG, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-assi huwa mistenni li jnaqqas dħul partikolarment volatili b'madwar 1,5 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-livelli tendenzjali. Filwaqt li tipproġetta bilanċ pożittiv strutturali, il-bidla fil-bilanċ strutturali, ibbażat fuq il-bilanċ adattat ċiklikament u kkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni permezz ta' metodoloġija miftiehma b'mod komuni u fuq id-definizzjoni tas-servizz tal-Kummissjoni ta' miżuri ta' darba jew miżuri oħra temporanji, stmata għal madwar 2,5 punti perċentwali tal-PDG, tikkonferma qagħda ta' tkabbir fiskali notevoli ⁽²⁾, għalkemm milqut sostanzjalment minn tnaqqis fid-dħul instabbli.
- (6) Huwa previst li jkun hemm iktar deterjorazzjoni fil-bilanċ ewlieni fl-2010, min-naħa minħabba l-istabilizzaturi awtomatiċi, iżda l-iktar minħabba trasferiment ieħor ta' darba ppjanat fil-kapitali bħala parti mir-riforma tat-taxxa fuq il-qligħ tal-pensjoni tal-2007. Il-programm jimmira li jkompli jikseb l-għan tiegħu fuq medda ta' żmien medju (MŻM) tal-bilanċ pożittiv strutturali, jiġifieri jiġi adattat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba jew miżuri oħra temporanji, fil-medda ta' 0,75-1,75 % tal-PDG sal-2010. Wara l-2010, id-Danimarka qed tirrevedi l-MŻM tagħha 'l isfel għal bilanċ strutturali bħala minimu, li kien ipplanat li jkompli jinkiseb sal-2015. L-MŻM jirrispetta l-limitu minimu ta' żbilanċ ta' madwar 0,5 % tal-PDG u jirrifletti l-proporzjon tad-dejn u t-tkabbir potenzjali medju fil-medda t-twila. Konsegwentement, l-għan il-ġdid huwa stmat li jkun xieraq u konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-programm jipprevedi li l-bilanċ ġenerali tal-gvern ser jirritorna għal bilanċ pożittiv żgħir fl-2011. Dan huwa l-biċċa l-kbira msejjes fuq is-suppożizzjonijiet tekniċi ta' produzzjoni u lakuni ta' qgħad li jagħluq fl-2012, u dan jirriżulta f'żieda ta' dħul ddeterminat ċiklikament. Il-miri huma bbażati fuq xenarju li jeħtieġ miżuri ta' riforma strutturali mhux speċifikati biex itejbu l-bilanċ ġenerali tal-gvern b'mod permanenti b'0,7 % tal-PDG lejn l-2015 biex jiżguraw sostenibbiltà fiskali skont il-metodoloġija nazzjonali. Matul il-perjodu tal-programm, il-bilanċ pożittiv strutturali kkalkulat skont il-metodoloġija miftiehma b'mod komuni huwa previst li jonqos bi 3,5 punti perċentwali tal-PDG, iżda jibqa' f'qagħda pożittiva. Barra l-miżuri ta' stabbiltà finanzjarja li ttieħdu fil-ħarifa tal-2008 u li ġew iddefiniti fl-aġġornament, il-Pakkett ta' Kreditu tat-18 ta' Jannar 2009 jimplika injezzjonijiet ta'

⁽¹⁾ Il-valutazzjoni tqis notevolment it-tbassir ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, iżda wkoll informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dakinhar.

⁽²⁾ Differenzi fid-definizzjoni ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji juru li l-estimi għall-bilanċ strutturali għad mhumiex komparabbli mat-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009.

kapitali ibridi temporanji sa DKK 100 biljun (5,5 % tal-PDG) sa minn nofs l-2009, li għandu jkollhom impatt immedjat fuq l-iżviluppi tad-dejn tal-aġġornament u impatt potenzjali fuq il-bilanċ ġenerali tal-gvern fuq il-perijodu tal-programm.

- (7) Ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal riskji negattivi. Ir-riskji negattivi minħabba s-suppożizzjonijiet favorevoli ta' tkabbir u l-inċertezza dwar miżuri li jwettqu r-riformi strutturali meħtieġa mhumiex żbilanċjati, minkejja rekord ta' baġit pożittiv, minn riskji pożittivi marbuta ma dħul potenzjalment oġhla fil-każ ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija u rati ta' interessi iktar baxxi. Barra minn hekk, il-miżuri mnedija biex jindirizzaw l-istabbiltà finanzjarja jimplikaw żieda sinifikanti fl-espożizzjoni għar-riskju.
- (8) L-impatt baġitarju għall-perijodu fit-tul tal-popolazzjoni li qed tixjieħ huwa inqas mill-medja tal-UE. Madankollu, l-pożizzjoni baġitarja fl-2008 kif stmata fil-programm, b'bilanċ pożittiv strutturali kbir, tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' dejn gross. Iż-żamma ta' bilanċi favorevoli primarji għoljin fil-perijodu medju jikkontribwixxi għal-limitazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, li attwalment jinsabu flivell baxx.
- (9) Kif inhu rifless fir-rekord baġitarju, id-Danimarka bbenefikat minn qafas fiskali relattivament b'saħħtu, magħruf għall-kopertura wiesgħa tiegħu u t-trasparenza u l-viżibbiltà tar-regoli fiskali tiegħu. Madankollu, in-nefqa tal-konsum ġenerali tal-gvern normalment kellha tendenza li taqbeż il-miri. Inizjattivi riċenti li jinvolvu sanzjonijiet ekonomiċi setgħu jtejbu inċentivi għal gvernijiet lokali biex iżommu mal-miri miftiehma. Barra min hekk, ittiegħu xi azzjonijiet biex isaħħu l-attenzjoni fuq il-kost-effettività tal-infiq pubbliku. Minkejja dan, ser jinħtieġu iktar miżuri biex jittrażżan it-tkabbir tal-infiq f'konformità mal-miri tal-Gvern.
- (10) Bil-ħsieb li jostnu l-istabbiltà finanzjarja, l-awtoritajiet Daniżi adottaw firxa ta' miżuri li jinkludu l-emendar tal-qafas regolatorju tas-settur tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni tal-ħajja, l-Att tal-Istabbiltà Finanzjarja ta' Ottubru 2008 u l-Pakkett ta' Kreditu msemmi hawn fuq. L-Att tal-Istabbiltà Finanzjarja effettivament jipprovi garanzija bla limitu mirfud mill-gvern għal kredituri bla sigurtà sat-30 ta' Settembru 2010, fejn il-banek li qed jieħdu sehem jkopru talbiet sa DKK 35 biljun (2 % tal-PDG), u l-istat ikopri dawk it-talbiet kollha minn dan l-ammont 'il fuq. Mill-1 ta' Ottubru 2010 huwa previst limitu ta' assicurazzjoni ta' depożiti ta' DKK 750 000. Il-Pakkett ta' Kreditu jindirizza l-pressjoni li qed tiżdied fuq is-solvenza tal-banek u l-istituzzjonijiet għall-ipoteki biex jagħtu sehemhom sabiex il-politika tat-tisliġ terġa' tiġi għan-normal.
- (11) F'konformità mal-Pjan Ewropew għar-Rilanċ Ekonomiku miftiehem f'Diċembru mill-Kunsill Ewropew, id-Danimarka pproċediet biex timplimenta tkabbir fiskali diskrezzjonarju ta' madwar punt perċentwali tal-PDG bl-adozzjoni tal-baġit tal-2009, inklużi l-miżuri permanenti li jżidu l-inċentivi tax-xogħol (tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjt) u jtejbu l-potenzjal tat-tkabbir (investment fir-Riċerka u l-Iżvilupp). Parti mill-espenzjoni hija dovuta għal żidiet kbar tal-pagi fis-settur pubbliku. Pjan dwar infrastruttura tat-trasport favur l-ambjent miftiehem fid-29 ta' Jannar 2009 huwa previst li jipprovi stimolu ieħor fiskali ta' DKK 5 biljun (0,25 % tal-PDG) mifrux fuq l-2009 u l-2010. Il-miżuri huma relatati mal-aġenda tar-riforma strutturali ta' Lisbona għall-perijodu medju kif riveduta mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009.
- (12) Abbażi tal-informazzjoni fl-aġġornament tal-programm, il-bilanċ strutturali huwa previst li ser jidderjora bi 2,5 punti perċentwali fl-2009 u punt ieħor perċentwali fuq il-perijodu tal-programm li jkun baqa'. Min-naħa, id-deterjorament jirrifletti inqas dħul minn sorsi partikolarment volatili u transitorji. Fid-dawl ta' punt ta' tluq fiskalment stabbli u l-istabilizzaturi awtomatiċi b'saħħithom involuti, il-qagħda fiskali espansjonarja ppjanata tidher li hija rispons adegwat għad-deterjorament ekonomiku. Matul il-perijodu tal-programm, il-previżjonijiet baġitarji jindikaw li l-pożizzjoni fiskali tad-Danimarka hija f'konformità sħiħa mal-kriterji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (13) L-aġġornament tal-programm jipprovi d-data kollha meħtieġa u ħafna mid-data ⁽¹⁾ mhux obligatorja.

(¹) B'mod partikolari, id-dħul totali u ċ-ċifri ta' nfiq totali u xi subkomponenti ma jikkorrispondux mad-definizzjonijiet armonizzati, u b'hekk l-evalwazzjoni tikkomplika ruħha. Barra minn hekk, speċifikazzjoni waħda tal-aġġustament tal-fluss ta' skokk hija nieqsa fost id-data mhux obligatorja.

Il-konklużjoni ġenerali hija li, fl-istadju attwali u minħabba l-pożizzjoni fiskali komda, il-qagħda fiskali ġenerali hija meqjusa adegwata fid-dawl tat-tkabbir fiskali diskrezzjonarju ta' madwar punt perċentwali tal-PDG fl-2009 u fid-dawl tal-istabbilizzaturi awtomatiċi relattivament b'saħħithom. Il-programm ibassar tnaqqis fil-bilanċ favorevoli ġenerali tal-gvern b'madwar 3 punti perċentwali tal-PDG fl-2009 u madwar 1,25 punti perċentwali aktar fl-2010. Is-suppożizzjonijiet tat-tkabbir tal-programm huma favorevoli. Il-politika fiskali timmira li jkompli jinkisbu l-MŻM, b'konsistenza mal-oġġettiv ta' sostenibbiltà deġġiema tul il-perijodu ta' programmar kollu, u b'hekk tinżamm marġni ta' sikurezza adegwata mill-valur ta' referenza. Wara perijodu ta' bilanċi pożittivi baġitarji għoljin, li bbenefikaw minn qafas fiskali relattivament b'saħħtu, id-dejn ġenerali gross tal-gvern nizeł għal livell baxx.

Fid-dawl tal-evalwazzjoni ta' hawn fuq, id-Danimarka hija mistiedna biex:

- (i) timplimenta l-pjanijiet fiskali għall-2009, inklużi l-miżuri ta' stimolu; f'konformità mal-Pjan Ewropew għar-Rilanċ Ekonomiku u fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
- (ii) tidentifika l-miżuri ta' riforma strutturali meħtieġa; b'mod partikolari timmira li ssaħħaħ il-provvista ta' ħaddiema, biex jintlaħqu l-miri baġitarji fis-snin aħħarin.

Tqabbil tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju ewlieni

		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2015
PDG reali (% tibdil)	PK Diċ 2008	1,6	0,2	- 0,2	0,7	1,9	1,7	1,6
	COM Jan 2009	1,6	- 0,6	- 1,0	0,6	m.d.*	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	2,0	1,3	1,1	0,5	m.d.	m.d.	m.d.
Inflazzjoni HICP (%)	PK Diċ 2008	1,7	3,6	1,3	2,1	1,4	1,8	1,8
	COM Jan 2009	1,7	3,6	1,6	1,9	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	1,7	2,4	1,6	1,9	m.d.	m.d.	m.d.
Distakk tal-produzzjoni (¹) (% tal-PDG potenzjali)	PK Diċ 2008	1,4	0,0	- 1,4	- 1,8	- 1,2	- 0,8	- 0,5
	COM Jan 2009 (²)	1,8	- 0,1	- 2,1	- 2,4	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	1,0	0,3	- 0,4	- 1,5	m.d.	m.d.	m.d.
Self nett vis-à-vis l-bqija tad-dinja (% tal-PDG)	PK Diċ 2008	0,7	1,7	1,8	2,3	2,6	2,6	1,8
	COM Jan 2009	0,7	1,7	1,5	1,5	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	1,7	1,3	1,9	2,2	m.d.	m.d.	m.d.
Infiq ġenerali tal-gvern (% tal-PDG) (⁴) (⁶)	PK Diċ 2008	54,5	53,2	51,2	51,5	52,1	51,8	51,5
	COM Jan 2009	55,4	54,8	52,8	53,4	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	53,4	52,9	52,0	51,7	m.d.	m.d.	m.d.
Infiq ġenerali tal-gvern (% tal-PDG) (⁴) (⁶)	PK Diċ 2008	49,9	50,2	51,2	52,8	51,8	51,7	51,6
	COM Jan 2009	50,9	51,6	53,1	54,9	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	49,6	49,8	50,0	50,5	m.d.	m.d.	m.d.

		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2015
Dħul ġenerali tal-gvern (% tal-PDG) ⁽⁶⁾	PK Diċ 2008	4,5	3,0	0,0	-1,2	0,3	0,1	-0,1
	COM Jan 2009	4,5	3,1	-0,3	-1,5	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	3,8	3,0	2,0	1,2	m.d.	m.d.	m.d.
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	PK Diċ 2008	6,1	4,2	1,5	0,2	1,6	1,3	0,7
	COM Jan 2009	6,1	4,5	1,2	0,0	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	5,2	4,2	3,0	2,1	m.d.	m.d.	m.d.
Bilanċ aġġustat ċiklikament ⁽¹⁾ (% tal-PDG)	PK Diċ 2008	3,6	3,0	0,9	0,0	1,1	0,6	0,2
	COM Jan 2009	3,3	3,2	1,0	0,1	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	3,1	2,8	2,3	2,2	m.d.	m.d.	m.d.
Bilanċ strutturali ⁽²⁾ ⁽⁵⁾ (% tal-PDG)	PK Diċ 2008	3,7	4,0	2,6	1,7	1,3	0,6	0,2
	COM Jan 2009	3,3	3,8	1,1	0,9	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	3,5	3,4	2,5	2,5	m.d.	m.d.	m.d.
Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	PK Diċ 2008	26,3	30,3	27,9	26,3	25,4	24,6	22,6
	COM Jan 2009	26,3	30,3	28,4	27,0	m.d.	m.d.	m.d.
	PK Diċ 2007	25,6	21,6	19,2	18,6	m.d.	m.d.	m.d.

Noti:

- (1) Distakki fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programmi.
- (2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 1,8 %, 1,4 %, 1,0 % u 0,9 % rispettivament fil-perjodu 2007-2010.
- (3) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba biss u oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji huma -1,0 % tal-PDG fl-2008, -1,7 % fl-2009 u l-2010, u -0,2 % fl-2011, li kollha jnaqqsu l-iżbilanċ jew iżidu l-bilanċ favorevoli, skont l-aktar programm riċenti u 0,5 % tal-PDG fl-2008, -0,2 % fl-2009 u -0,8 % fl-2010, li kollha jnaqqsu l-iżbilanċ jew iżidu l-bilanċ favorevoli, abbażi tat-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni.
- (4) Id-data tal-programm għad-dħul u l-infiq hija differenti mid-data rrapportata lil Eurostat, wara l-approċċ armonizzat, (ara r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1500/2000), li fuqu huwa bbażat it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni. Id-differenza hija marbuta primarjament mat-trattament tal-bejgħ pubbliku ta' oġġetti u servizzi u tal-konsum tal-kapital fiss. Madankollu, il-bilanċ mhux affettwat.
- (5) Permezz tal-bilanċ aġġustat ċiklikament kkkalkulat mill-ġdid, ibbażat fuq l-informazzjoni fil-programm, u d-definizzjoni tal-miżuri ta' darba u oħrajn temporanji applikati mill-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali għandu jkun ta' 3,6 % tal-PDG fl-2008 u 1,1 fl-2009, u 0,9 fl-2010.
- (6) Għall-2007, iċ-ċifri huma differenti minn dawk irrapportati lill-Eurostat fin-notifika tal-EDP ta' Ottubru 2008. Iċ-ċifri użati jirriflettu data iktar riċenti u riveduta ppubblikata minn Statistics Denmark, li għadhom mhumiex ivvalidati mill-Eurostat.

Sors:

Programm ta' konverġenza (PK); Tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni (COM); kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

OPINJONI TAL-KUNSILL**tal-10 ta' Marzu 2009****dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Estonja 2008-2012**

(2009/C 63/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2009, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Estonja, li jkopri l-perijodu 2008 sa 2012.
- (2) L-ekonomija Estonjana bħalissa qed tesperjenza kriżi ekonomika severa. Matul l-2008 diversi fatturi esterni, notevolment iż-żieda fil-kriżi finanzjarja globali u t-tnaqqis tad-domanda esterna, filwaqt li appoġġaw moderazzjoni ta' żbilanċi esterni u interni, komplew iżidu mal-aġġustament kontinwu fid-domanda domestika u kkontribwixxew biex jitħaffef it-tnaqqis tal-ekonomija. It-tkabbir fil-paga li jeċċedi bil-kbir it-tkabbir fil-produttività, inkluż fis-settur pubbliku, ikkontribwixxa għat-telf tal-kost-kompetittività matul is-snin preċedenti ta' tkabbir għoli, u l-aġġustament tas-suq tax-xogħol għall-kriżi ekonomika dam. Madankollu, il-moderazzjoni fil-pagi tidher li għet stabbilita minn tmiem l-2008. Fil-kuntest tal-qafas tal-bord tal-valuta, il-kundizzjonijiet monetarji u ta' kreditu ssaħħu fl-2008 fost perċezzjonijiet ta' riskju ogħla tal-pajjiż u tkomplija ta' apprezzament tar-rata tal-kambju effettiva reali. Il-finanzi pubbliċi ddeterjoraw b'mod konsiderevoli wara sitt snin ta' bilanċi nominali, bi żbilanċ mistenni ta' madwar 2 % tal-PDG fl-2008 u aktar deterjorament mistenni fl-2009 u l-2010. Minħabba l-ħtiġijiet ta' aġġustament li jirriżultaw mill-iżbilanċi tal-pajjiż, l-awtoritajiet jipprevedu konsolidazzjoni fiskali sabiex jiġi limitat id-deterjorament fiskali, jiġi ffaċilitat il-proċess ta' aġġustament u jgħin biex tinżamm il-fiduċja fis-suq.
- (3) Ix-xenarju makroekonomiku li huwa l-bażi tal-programm jistima li l-PDG reali naqas bi 2,2 % fl-2008 u jipprojetta aktar tnaqqis ta' 3,5 % fl-2009. Minn hemm il-quddiem il-PDG hu projettat li jirkupra għal tkabbir ta' 2,6 % fl-2010 u tkabbir ta' medja annwali ta' 4,9 % fl-2011 u l-2012. Ivvalutat fid-dawl tat-tagħrif disponibbli attwalment ⁽²⁾, dan ix-xenarju huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir għall-2009 u l-2010, li jirriflettu valutazzjoni ottimista tat-tkabbir tal-esportazzjoni tas-suq u ma jikkunsidrawx b'mod sħiħ tagħrif aktar reċenti li jirreferi għal aktar deterjorament f'indikaturi ekonomiċi u fiduċjużi. Il-projezzjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jidhru li huma realistiki u t-tnaqqis fid-domanda domestika u l-iżviluppi tas-suq globali jistgħu jeżerċitaw aktar pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet. Il-bilanċ estern għandu jitjeb fit-tbassir proviżorju fix-xenarju tal-programm b'rata kemmxejn aktar baxxa minn dik tat-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, minħabba aspettattivi aktar favorevoli dwar id-domanda domestika u suppożizzjonijiet differenti tal-prezz estern.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li ġeja: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm.

⁽²⁾ Il-valutazzjoni tqis notevolment it-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, iżda wkoll tagħrif ieħor li sar disponibbli minn dak inhar.

- (4) Għall-2008, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 2,0 % tal-PDG fit-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, imqabbel ma' mira ta' bilanċ favorevoli ta' 1,3 % tal-PDG stipulata fl-aġġornament preċedenti tal-Programm ta' Konverġenza. Id-deterjorament jirrifletti l-aktar tnaqqis sinifikanti fid-dħul meta mqabbel mal-estimi tal-bidu minħabba li s-sitwazzjoni makroekonomika marret konsiderevolment għall-aġġornament meta mqabbla ma' projezzjonijiet fl-aġġornament preċedenti tal-Programm ta' Konverġenza. Id-deterjorament fid-dħul, sa ċertu punt, kien ibbilanċjat b'inqas infiq meta mqabbel mal-mira preċedenti wara l-adozzjoni f'nofs l-2008 ta' baġit restrittiv addizzjonali bi tnaqqis fl-infiq fuq bażi wiesgħa.
- (5) Il-mira għall-bilanċ ġenerali tal-gvern fl-2009 hi defiċit ta' 1,7 % tal-PDG, li jitqabbel ma' projezzjoni ta' żbilanċ ta' 3,2 % tal-PDG fit-tbassir proviżorju ta' Jannar tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-politika fiskali fuq perijodu qasir ta' żmien hi mmirata li terġa' tikseb il-fiduċja fis-suq u tillimita d-diverġenza mill-valur ta' referenza tat-Trattat, fid-dawl tal-oġġettiv tal-awtoritajiet tal-adozzjoni tal-euro. It-tkabbir fl-infiq fil-baġit oriġinali tal-2009 kien mistenni jeċċedi t-tkabbir nominali tal-PDG, b'mod partikolari minħabba żieda fil-pensjonijiet bħala riżultat tal-formula tal-indiċizzazzjoni fis-seħħ. L-addozzjoni ta' baġit restrittiv addizzjonali fi Frar 2009 timmira li ggħib it-tkabbir fl-infiq ġeneralment konformi mat-tkabbir ekonomiku nominali mbassar. L-istrateġija tal-baġit għall-2009 tinkludi wkoll xi miżuri b'żieda fid-dħul u posponiment sal-2010 ta' tnaqqis fit-taxxa li kien diġa' ppjanat. B'mod ġenerali, il-pożizzjoni fiskali tal-2009 kif ikkalkolata bil-bidla fil-bilanċ strutturali (nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji) hu mistenni li jkun restrittiv, inkluż fil-baġit addizzjonali adottat fi Frar 2009 li jipprevedi ssikkar fiskali l fuq minn 3 % tal-PDG fl-2009 skont l-estimi tal-awtoritajiet nazżjonali.
- (6) L-istrateġija baġitarja tal-programm fuq perijodu medju hi li tikseb bilanċ favorevoli strutturali, u b'hekk tikseb aktar mill-oġġettiv fuq perijodu medju attwali (MTO), definit bħala baġit bilanċjat f'termini strutturali (¹). L-iżbilanċ ta' bażi ġenerali tal-gvern hu mistenni li jonqos għal 1,0 % tal-PDG fl-2010 u jdur għal bilanċi favorevoli ta' 0,1 % tal-PDG fl-2011 u 0,2 % tal-PDG fl-2012. L-aġġustament hu previst li jkun ibbażat fuq l-infiq bit-tkabbir fl-infiq (ibbażat fuq miżuri mhux speċifikati) taħt dak tal-PDG nominali fis-snin kollha mill-2010 l quddiem. It-tkabbir fid-dħul għandu jirkupra parzjalment wara l-bidla fl-ekonomija, meta wieħed jikkunsidra t-tnaqqis fit-taxxa previst bil-leġislazzjoni eżistenti għall-2010-2012.
- (7) Ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal riskji negattivi, b'mod partikolari għall-2009 u l-2010, minħabba li x-xenarju makroekonomiku hu bbażat fuq suppożizzjonijiet favorevoli ta' tkabbir. Madankollu, ir-riskji jonqsu bl-adozzjoni reċenti ta' baġit restrittiv addizzjonali. Ir-ritorn projettat tal-iżbilanċ ġenerali tal-gvern għal bilanċ favorevoli mill-2011 il quddiem jista' wkoll ikun ta' sfida, b'kont meħud tan-nuqqas ta' taġġir fil-programm fir-rigward tal-miżuri li fuqhom hija bbażata l-konsolidazzjoni fiskali bbażata fuq l-infiq.
- (8) L-impatt baġitarju fuq perijodu fit-tul tat-tixji huwa fost l-aktar baxxi fl-UE u għandu jibqa' hekk skont il-programm, anki meta jiġi kkunsidrat l-effett tal-bidla riċenti fir-regola tal-indiċi tal-pensjoni. Il-livell attwali tad-dejn gross huwa baxx ħafna fl-Estonja u ż-żamma ta' finanzi tal-gvern sodi, skont il-pjanijiet baġitarji matul il-perijodu tal-programm, tikkontribwixxi għal-limitar tar-riskji għas-sostenibbiltà fuq perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi, li bħalissa jinsabu flivell baxx.
- (9) Il-qafas baġitarju hu bbażat fuq regola ta' bilanċ nominali jew bilanċ favorevoli ex ante tal-gvern ġenerali. Għalkemm ir-regola ma għandha l-ebda bażi legali, normalment dejjem kienet rispettata fis-snin qabel il-kriżi ekonomika attwali. Fis-snin reċenti, il-gvern adatta għall-implimentazzjoni tar-regola billi kkunsidra aħjar il-kundizzjonijiet ċikliki tal-ekonomija, minħabba li xi baġits li kienu fil-quċċata taċ-ċiklu ġew adottati minn bilanċi favorevoli ex ante. Madankollu, il-qafas tal-ippjanar tal-infiq jibqa' dgħajef, minħabba li miri tal-infiq tal-bidu tgħollew sistematikament f'baġits addizzjonali, iffaċilitati bi dħul ogħla milli mistenni fi żminijiet ekonomiċi tajbin preċedenti. Għalhekk huwa partikolarment importanti li jissaħħaħ l-infiq għal perijodu medju ta' żmien u tiżdied l-effiċjenza fl-infiq fil-kriżi ekonomika attwali u jgħin biex jittaffa l-impatt tad-dħul inqas favorevoli fuq il-finanzi pubbliċi. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-gvern għandu l-ħsieb li jersaq lejn baġit abbażi tal-prestazzjoni u d-dovuti, għall-ewwel f'forma ta' proġetti fi prova, bl-għan li jissaħħaħ il-proċess tal-baġit għall-perijodu medju.

(¹) Il-gvern ħabbar li ser jirrevedi u jispeċifika l-MTO li jimplika bilanċ favorevoli f'termini strutturali.

- (10) Bil-għan li jiġi stabbilit is-settur finanzjarju, l-awtoritajiet Estonjani żiedu l-kopertura tad-depożitu tal-garanzija mill-ekwivalenti tal-kroon ta' EUR 20 000 għal EUR 50 000 u estendew il-proporzjon tad-depożitu tal-garanzija għal 100 %, it-tnejn li huma b'effett mid-9 ta' Ottubru 2008. Barra minn dan, pakkett ta' proposti legiſlattivi biex jagħmlu l-immaniġġjar ta' kriżijiet aktar flessibbli, inkluż billi tiġi stabbilita proċedura mgħaġġla għal intervent tal-Istat, ġie imressaq lill-Parlament f'Diċembru 2008.
- (11) F'konformita' mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (PERE) li sar ftehim dwaru f'Diċembru 2008 mill-Kunsill Ewropew, l-Estonja, bħala pajjiż li qiegħda tiffaċċja żbilanċi sinifikanti esterni u interni, immirat il-politika baġitarja tagħha biex tikkoreġi żbilanċi bħal dawn. B'kont meħud ukoll tar-riskji għar-riżultat tal-baġit u d-diffikultà biex jiġi żgurat finanzjament ġdid f'kundizzjonijiet aċċettabbli minħabba stmerrija ta' riskju tas-suq, il-pożizzjoni fiskali restrittiva ġenerali pplanata fl-2009 u l-2010 hi għalhekk tweġiba adegwata. Fil-kuntest tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma, l-awtoritajiet Estonjani approvaw għadd ta' riformi strutturali b'impatt baġitarju newtrali jew limitat fuq perijodu qasir, b'mod partikolari miżuri ta' sostenn għas-suq tax-xogħol u l-investment, filwaqt li kien hemm inqas enfasi fuq miżuri li jsostnu s-setturi industrijali u l-poter tal-akkwist domestiku. Żewġ miżuri ta' sostenn għas-suq tax-xogħol huma l-adozzjoni tal-Liġi modernizzata tax-Xogħol u r-riforma kontinwa tal-Liġi tas-Servizz Pubbliku biex iżżid il-flessibilità fis-suq, filwaqt li żżid ir-rati ta' benefiċċju tal-qgħad u twessa' l-firxa ta' benefiċjarji biex ittejjeb is-sigurtà. Dawn il-miżuri huma relatati mal-aġenda ta' riforma għall-perijodu medju u mar-rakkomandazzjoni speċifika għal pajjiż li ġew proposti mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.
- (12) Il-pożizzjoni fiskali hi mistennija li tkun restrittiva fl-2009-2011 u ssir espansiva b'mod moderat fl-2012. Għalkemm il-marġni ta' sikurezza kontra ċaqliq ċikliku normali huwa rispettat fis-snin kollha mill-2009 'l quddiem, dan jista' jsir insuffiċjenti, minħabba l-kriżi ekonomika severa, biex jiġi evitat il-ksur ta' 3 % tal-limitu massimu fl-2009 u l-2010. Madankollu, ir-riskji għar-riżultat baġitarju jonqsu bl-adozzjoni tal-baġit restrittiv addizzjonali fi Frar 2009. Filwaqt li jiġu kkunsidrati riskji, ir-ritorn ippjanat għal bilanċ favorevoli jista' wkoll ma jintlaħaqx fl-2011, kif projettat fil-programm. Barra minn dan, l-aġġustament għandu jkun sostnut b'miżuri. Fil-kuntest tal-isħubija tal-ERM II tal-Estonja u l-ħtieġa li tittejjeb il-kost-kompetittività tal-ekonomija, hija ġustifikata korrezzjoni ta' tkabbir fil-pagi għolja preċedenti.
- (13) Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' data speċifikati fil-kodiċi ta' kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi lakuni fid-data meħtieġa u dik mhux obligatorja (¹).

Il-konklużjoni ġenerali hi li l-Estonja, filwaqt li qiegħda tiffaċċja kriżi ekonomika severa wara snin ta' tkabbir ekonomiku aqwa minn dak potenzjali, qed tippjana pożizzjoni fiskali restrittiva mill-2009 sal-2011 li hija tweġiba xierqa fid-dawl tal-iżbilanċi eżistenti. Il-kriżi ekonomika qed tiġi aggravata bil-kriżi finanzjarja globali u bid-domanda esterna baxxa. Il-kost-kompetittività dgħajfa, b'mod partikolari minħabba l-perijodu mtawwal ta' tkabbir fil-pagi akbar minn dak tal-produttività, ixekkel ukoll ir-ritorn għat-triq ta' tkabbir sostenibbli. Il-bilanċ ġenerali tal-gvern iddeterjora b'mod konsiderevoli fl-2008 u nbidel fi żbilanċ, wara sitt snin ta' bilanċ favorevoli. Skont il-programm il-gvern ġenerali hu mistenni li jkun fi żbilanċ ukoll fl-2009 u l-2010, bl-iżbilanċ jonqos bil-mod il-mod. Meta jiġu kkunsidrati r-riskji makroekonomiċi fuq konsolidazzjoni bbażata fuq l-infiq fl-2010, ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal riskji ta' tnaqqis, bl-iżbilanċ nominali possibbilment jeċċedi l-limitu massimu ta' 3 % fl-2009 u l-2010. Madankollu, ir-riskji għar-riżultat baġitarju jonqsu bl-adozzjoni tal-baġit restrittiv addizzjonali fi Frar 2009.

Fid-dawl tal-evalwazzjoni ta' hawn fuq u wkoll minħabba l-ħtieġa li tkun żgurata konverġenza sostenibbli u parteċipazzjoni mingħajr tfixkil fl-ERM II, l-Estonja hija mistiedna biex:

- (i) timplimenta l-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi fil-perijodu qasir, tiżgura li jinżamm l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali taħt it-3 % tal-PDG u tieħu l-miżuri meħtieġa biex ikunu ta' bażi għall-konsolidazzjoni għall-perijodu medju;
- (ii) timplimenta politika tal-pagi tas-settur pubbliku biex issostni l-aġġustament tal-ekonomija u ssaħħaħ il-kompetittività;
- (iii) tirrinforza l-qafas baġitarju fuq perijodu medju, b'mod partikolari billi ttejjeb l-ippjanar u l-effiċjenza tal-infiq.

(¹) B'mod partikolari, s-suppożizzjonijiet tar-rata ta' skambju effettiva nominali huma nieqsa. Barra minn hekk, qed jiġu użati suppożizzjonijiet għar-rati ta' interessi taż-żona tal-euro, għalkemm dawn jistgħu jkunu ġustifikati bin-nuqqas ta' indikaturi tar-rata tal-interessi EEK.

Tqabbil tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlieni

		2007	2008	2009	2010	2011	2012
PDG reali (% bidla)	PK Nov 2008	6,3	- 2,2	- 3,5	2,6	4,8	5,0
	COM Jan 2009	6,3	- 2,4	- 4,7	1,2	m.d.*	m.d.
	PK Nov 2007	7,4	5,2	6,1	6,7	7,0	m.d.
Inflazzjoni HICP (%)	PK Nov 2008	6,7	10,6	4,2	2,8	3,0	3,2
	COM Jan 2009	6,7	10,6	3,2	2,7	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	6,6	8,6	5,6	3,6	3,5	m.d.
Distakk fil-produzzjoni (¹) (% tal-PDG potenzjali)	PK Nov 2008	8,0	0,9	- 5,7	- 5,9	- 3,9	- 1,7
	COM Jan 2009 (²)	9,0	2,1	- 5,4	- 6,4	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	2,7	0,1	- 1,2	- 1,5	- 1,3	m.d.
Self nett ('il barra u 'l ġewwa) vis-à-vis l-kum- pliment tad-dinja (% tal-PDG)	PK Nov 2008	- 16,9	- 10,5	- 5,1	- 5,0	- 4,7	- 4,7
	COM Jan 2009	- 17,1	- 8,8	- 4,2	- 2,6	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	- 14,0	- 9,9	- 8,2	- 7,8	- 7,4	m.d.
Dħul ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	PK Nov 2008	38,2	36,2	38,9	37,8	36,5	35,2
	COM Jan 2009	38,2	36,5	38,2	38,4	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	37,2	38,2	38,2	37,4	36,3	m.d.
Infiq ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	PK Nov 2008	35,5	38,2	40,6	38,8	36,4	35,0
	COM Jan 2009	35,5	38,5	41,4	41,6	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	34,6	36,9	37,2	36,5	35,5	m.d.
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	PK Nov 2008	2,7	- 1,9	- 1,7	- 1,0	0,1	0,2
	COM Jan 2009	2,7	- 2,0	- 3,2	- 3,2	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	2,6	1,3	1,0	0,9	0,8	m.d.
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	PK Nov 2008	2,9	- 1,8	- 1,5	- 0,8	0,3	0,4
	COM Jan 2009	2,9	- 1,8	- 3,0	- 2,9	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	2,7	1,4	1,1	1,0	0,8	m.d.
Bilanċ aġġustat ċiklikament (¹) (% tal-PDG)	PK Nov 2008	0,3	- 2,2	0,0	0,8	1,3	0,7
	COM Jan 2009	- 0,1	- 2,6	- 1,6	- 1,3	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	1,8	1,3	1,4	1,3	1,2	m.d.

		2007	2008	2009	2010	2011	2012
Bilanċ strutturali ⁽³⁾ (% tal-PDG)	PK Nov 2008	- 0,1	- 2,4	- 0,1	0,4	1,2	0,7
	COM Jan 2009	- 0,4	- 2,8	- 1,6	- 1,3	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	1,2	0,8	1,4	1,3	1,2	m.d.
Dejn pubbliku gross (% tal-PDG)	PK Nov 2008	3,5	3,7	3,7	3,5	3,0	2,8
	COM Jan 2009	3,5	4,3	6,1	7,6	m.d.	m.d.
	PK Nov 2007	2,7	2,3	2,0	1,8	1,6	m.d.

Noti:

- (¹) Distakk fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament mill-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programmi.
- (²) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 4,6 %, 4,1 %, 3,7 % u 3,5 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.
- (³) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba u oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra huma 0,4 % tal-PDG fl-2007, 0,2 % fl-2008, 0,1 % fl-2009, 0,4 % fl-2010 u 0,1 % fl-2011; li kollha jnaqqsu l-iżbilanċ, skont l-iktar programm reċenti. Miżuri ta' darba għall-perijodu tal-2009-2010 mhumiex ikkunsidrati bħala ta' natura ta' darba skont it-tbassir proviżorju ta' Jannar tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Sors:

Programm ta' Konverġenza (PK); Tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni(COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni

IL-KUMMISSJONI

Avviż dwar l-adattament skont l-inflazzjoni ta' ċerti ammonti stipulati fid-Direttiva tar-Riassigurazzjoni

(2009/C 63/03)

Skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2005/68/KE ⁽¹⁾ dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE, l-ammonti stipulati f'euro fl-Artikolu 40(2) ġew irrieduti fl-2008 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi Ewropej tal-prezzijiet għall-konsumaturi li jinkludu l-Istati Membri kollha kif ippubblikat mill-Eurostat. B'riżultat tar-reviżjoni, l-ammonti stipulati f'euro żdiedu minn EUR 3 000 000 għal EUR 3 200 000 u minn EUR 1 000 000 għal EUR 1 100 000. Is-Servizzi tal-Kummissjoni infurmaw il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bir-reviżjoni u bl-ammonti adattati.

(¹) ĠUL 323, 9.12.2005, p. 1.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-ghajjnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2009/C 63/04)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	28.1.2009
Nru ta' l-ghajjnuna	NN 72/07 (ex N 871/06)
Stat Membru	Franza
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Aide à la restructuration de l'entreprise SA Tilly-Sabco
Bażi legali	Circulaire du ministre de l'agriculture et de la pêche DPEI/SDEPA/C2006-4019 SG/DAFL/SDEPA/C2006-1503 du 15 mars 2006 (point 4)
Tip ta' miżura	Ghajjnuna individwali
Għan	Ghajjnuna għar-ristrutturar
Forma ta' l-ghajjnuna	Sussidju dirett permezz tat-trasformazzjoni tal-ħlas bil-quddiem rifondibbli skond l-ghajjnuna ta' salvataġġ N 273/06
Baġit	EUR 3,6 miljun
Intensità	—
Perjodu	Ħlas ta' darba
Setturi ekonomiċi kkonċernati	L-agrikoltura
Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-ghajjnuna	Office national interprofessionnel de l'élevage et de ses productions 80, avenue des Terroirs de France 75607 Paris Cedex 12 FRANCE
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni	11.12.2008
In-numru tal-għajnuna	NN 10/08
L-Istat Membru	Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
Ir-reġjun	Mecklenburg-Vorpommern
It-titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Tierseuchenkasse
Il-bażi ġuridika	Satzung der Tierseuchenkasse Mecklenburg-Vorpommern v. 12.1.2007
It-tip ta' għajnuna	Skema
L-għan	Il-prevenzjoni, l-evitar u l-identifikazzjoni tal-mard tal-annimali
Il-forma tal-għajnuna	Sussidju
Il-baġit	Madwar EUR 3 256 900 fis-sena
L-intensità massima tal-għajnuna	Massimu ta' 100 %
It-tul ta' żmien	1.1.2007-31.12.2013
Is-setturi ekonomiċi	L-agrikoltura
L-isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna	Tierseuchenkasse Mecklenburg-Vorpommern 17033 Neubrandenburg DEUTSCHLAND
Tagħrif ieħor	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Awtorizzazzjoni ta' l-ghajjuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 63/05)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	22.12.2008
Għajjuna Nru	N 639/08
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Garantiemaßnahme für IKB
Il-bażi legali	Finanzmarktstabilisierungsfondsgesetz
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjuna
L-għan	Għajjuna biex tirmiedja tfixkil serju fl-ekonomija
Il-forma ta' l-għajjuna	Garanzija
L-Estimi	Baġit globali: EUR 5 000 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	22.12.2008-22.6.2009
Setturi ekonomiċi	L-intermedjazzjoni finanzjarja
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajjuna	Sonderfonds Finanzmarktstabilisierung (SoFFin) Finanzmarktstabilisierungsanstalt Taunusanlage 6 60329 Frankfurt am Main DEUTSCHLAND
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	27.2.2009
Għajjuna Nru	N 71/09
Stat Membru	Ir-Renju Unit
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Temporary aid in the form of loan guarantees

Il-bażi legali	The Industrial Development Act 1982 Regional Development Agencies Act 1998 Science and Technology Act 1965 Energy Act 2004 Environmental Protection Act 1990 Employment and Training Act 1973 Civil Aviation Act 1982 Local Government Act 2000 Government of Wales Act 2006, Section 60 Welsh Development Agency Act 1975, Section 1 The Industrial Development (Northern Ireland) Order 1982 The Industrial Development (Northern Ireland) Act 2002 Article 3 of the Energy Efficiency (Northern Ireland) Order 1999 Enterprise and New Towns (Scotland) Act 1990, as amended on 1 April 2001, by Scottish Statutory Instrument 2001 No 126 Local Government in Scotland Act 2003, section 20
It-tip tal-miżura	Għajjnuna individwali
L-għan	Għajjnuna biex tirmidja tfixkil serju fl-ekonomija
Il-forma ta' l-għajjnuna	Garanzija
L-Estimi	Baġit globali: GBP 8 000 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	1.3.2009-31.12.2010
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	All eligible guarantee granting authorities in UK
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Awtorizzazzjoni ta' l-ghajjuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 63/06)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	11.2.2009
Għajjuna Nru	N 538/08
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Thüringen
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	ersol Thin Film GmbH
Il-bażi legali	Investitionszulagengesetz 2007 in der Fassung der Bekanntmachung vom 23. Februar 2007 (Bundesgesetzblatt I S. 282); Investitionszulagengesetz 2010 in der Fassung der Bekanntmachung vom 7. Dezember 2008 (Bundesgesetzblatt I Nr. 56 vom 10. Dezember 2008, S. 2350)
It-tip tal-miżura	Għajjuna individwali
L-għan	Żvilupp reġjonali, Żvilupp reġjonali
Il-forma ta' l-ghajjuna	—
L-Estimi	Baġit globali: EUR 39,72 miljun
L-intensità	10,32 %
It-tul ta' żmien	2008-2011
Setturi ekonomiċi	L-industrija tal-manifattura
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-ghajjuna	Finanzamt Gotha Reuterstraße 2A 99867 Gotha DEUTSCHLAND
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	22.12.2008
Għajjuna Nru	N 655/08
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Nord LB
Il-bażi legali	—
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjuna
L-għan	Għajjuna biex tirmidja tfixkil serju fl-ekonomija

Il-forma ta' l-għajnuna	Garanzija
L-Estimi	Baġit globali: EUR 10 000 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	22.12.2008-22.6.2009
Setturi ekonomiċi	L-intermedjazzjoni finanzjarja
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Länder Niedersachsen und Sachsen-Anhalt
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro ⁽¹⁾**Is-17 ta' Marzu 2009**

(2009/C 63/07)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2942	AUD	Dollaru Awstraljan	1,9624
JPY	Yen Ġappuniż	128,10	CAD	Dollaru Kanadiż	1,6495
DKK	Krona Daniża	7,4544	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,0327
GBP	Lira Sterlina	0,92650	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,4410
SEK	Krona Żvediża	11,0265	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,9839
CHF	Frank Żvizzeru	1,5327	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 835,14
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	12,9218
NOK	Krona Norveġiża	8,8315	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,8487
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,4543
CZK	Krona Ċeka	26,513	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 530,40
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,7562
HUF	Forint Ungeriż	299,68	PHP	Peso Filippin	62,410
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	44,7465
LVL	Lats Latvjan	0,7075	THB	Baht Tajlandiż	46,365
PLN	Zloty Pollakk	4,4900	BRL	Real Brażiljan	2,9523
RON	Leu Rumen	4,2968	MXN	Peso Messikan	18,3950
TRY	Lira Turka	2,2111	INR	Rupi Indjan	66,5350

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI

Sejħiet għall-proposti fil-kuntest tal-programm ta' ħidma "Persuni" tal-2009, tas-7 Programm Kwadru tal-KE għall-attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni

(2009/C 63/08)

B'dan qed tingħata notifika tat-tnedija tas-sejħiet għal proposti skond il-programmi ta' ħidma "Persuni" tal-2009, tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (mill-2007 sa l-2013).

Jintlaqgħu proposti għas-sejħiet li ġejjin. Id-dati ta' l-għeluq għas-sejħiet u l-baġits qegħdin imniżżlin fit-testi tas-sejħiet li jinsabu ppublikati fuq il-websajt tal-CORDIS.

Il-Programm Speċifiku "Persuni":

Titlu tas-sejħa	Identifikatur tas-sejħa
Boroż ta' Studju Intra-Ewropej	FP7-PEOPLE-2009-IEF
Boroż ta' Studju Internazzjonali Akkoljenti	FP7-PEOPLE-2009-IIF
Boroż ta' Studju Internazzjonali Barra l-Pajjiż	FP7-PEOPLE-2009-IOF

Din is-sejħa għal proposti għandha x'jaqsmu mal-programm ta' ħidma tal-2009 adottat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 4483 tat-22 ta' Awwissu 2008.

L-informazzjoni dwar il-modalitajiet tas-sejħiet, il-programmi ta' ħidma u l-linji gwida għall-applikanti dwar kif għandhom jissottomettu l-proposti, tinsab disponibbli fuq il-websajt tal-CORDIS: <http://cordis.europa.eu/fp7/calls/>

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI

Avviż ta' ftuħ ta' proċedura ta' anti-damping rigward l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' kontroll tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2009/C 63/09)

Il-Kummissjoni rċeviet ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")⁽¹⁾, li jallega li l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' kontroll tal-merkanzija, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat"), qegħdin jiġu ddampjati u għalhekk qegħdin joħlqu danni materjali lill-industrija Komunitarja.

1. L-ilment

L-ilment kien ippreżentat fit-2 ta' Frar 2009 minn Smiths Detection Group Limited ("il-kwerelant") li jirrappreżenta l-proporzjon prinċipali, f'dan il-każ aktar minn 80 % tat-total tal-produzzjoni tal-Komunità ta' ċerti sistemi ta' kontroll tal-merkanzija.

2. Il-prodott

Il-prodott li allegatament qed jiġi ddampjat huwa sistemi għall-kontroll ta' merkanzija, ibbażati fuq l-użu ta' teknoloġija neutron jew ibbażati fuq l-użu ta' raġġi X ma' sors ta' raġġi X ta' 250 keV jew aktar jew ibbażati fuq l-użu ta' radjazzjonijiet alpha, beta jew gamma li jaqgħu taħt kodiċijiet NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9022 29 00 ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 u vetturi bil-mutur mgħammra ma' dawn is-sistemi li jaqgħu taħt kodiċi NM ex 8705 90 90 li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"). Dawn il-kodiċi NM qed jinġataw biss bħala informazzjoni.

3. L-allegazzjoni ta' damping

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-kwerelant stabbilixxa l-valur normali għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq il-bażi tal-prezz u valur normali kostrutt f'pajjiż b'ekonomija tas-suq, imsemmi fil-punt 5.1 (c). L-allegazzjoni ta' damping hija bbażata fuq tqabbil tal-valur normali, ikkalkulat b'dan il-mod, mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lill-Komunità

Fuq din il-bażi, il-marġini ta' damping ikkalkulat huwa sinifikanti.

4. L-allegazzjoni ta' dannu

Il-kwerelant ta evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina żdiedu b'mod ġenerali f'termini ta' sehem mis-suq.

Huwa allegat li l-volumi u l-prezzijiet tal-prodott importat kellihom, fost konsegwenzi oħra, impatt negattiv fuq is-sehem tas-suq miksub, il-kwantitajiet mibjugħa u l-livell ta' prezzijiet mit-luba mill-industrija tal-Komunità, bir-riżultat li kien hemm effetti negattivi sostanzjali fuq ir-rendiment ġenerali u partikolarment fuq il-qligħ tal-industrija tal-Komunità.

5. Il-proċedura

Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li l-ilment tressaq mill-industrija Komunitarja jew fisimha u li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' proċediment, il-Kummissjoni qiegħda b'dan tagħti bidu għal investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

5.1. Il-proċedura għad-determinazzjoni ta' damping u ta' ħsara

L-investigazzjoni se tiddetermina jekk il-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwiex qed ikun oġġett ta' damping u jekk dan id-damping ikkawżax ħsara.

(a) Il-kwestjonarji

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-industrija Komunitarja u lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produttori fil-Komunità, lill-esportaturi/produttori fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lil kwalunkwe importaturi/utenti magħrufa, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni kkonċernat.

⁽¹⁾ ĠUL 56, 6.3.1996, p. 1.

(b) *Il-għbir ta' tagħrif u s-smiġħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati huma b'dan mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu tagħrif għajr it-tweġibiet tal-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6 (a)(ii).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba trid issir fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(iii).

(c) *L-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq*

Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, hemm ħsieb li jintgħażlu l-Istati Uniti tal-Amerika bħala pajjiż xieraq b'ekonomija tas-suq sabiex jiġi stabbilit il-valur normali fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkumentaw dwar kemm hu xieraq li ntagħżel dan il-pajjiż fil-limitu taż-żmien speċifika stabbilit fil-punt 6(b).

(d) *Trattament tal-ekonomija tas-suq jew talbiet individwali għat-Trattament*

Għal dawk l-esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jistqarru u jipprovdu biżżejjed evidenza li joperaw skont kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq, jiġifieri li jilhqgħu l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-valur normali se jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi/esportaturi li bi ħsiebhom iressqu talbiet sostanzjali b'mod xieraq għandhom jagħmlu dan fiż-żmien stipulat fil-punt 6(c). Il-Kummissjoni se tibgħat formoli lill-esportaturi/produtturi kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li ġew imsemmija fl-ilment kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Din il-formula għat-talbiet tista' tintuża mill-applikant biex jitlob trattament individwali, jiġifieri li dan jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

5.2. Il-proċedura għall-valutazzjoni tal-interess Komunitarju

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku u fil-każ li l-allegazzjonijiet ta' dumping u ħsara kkawżati minħabba f'hekk ikunu sostanzjali, għandha tintlaħaq deċiżjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interess tal-Komunità. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni tista' tibgħat kwestjonarji lill-industrija magħrufa tal-Komunità, l-importaturi, l-għaqdiet rappreżentanti tagħhom, l-utenti rappreżentanti u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-konsumatur. Partijiet bħal dawn, inklużi dawk li ma tafx dwarhom il-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li jagħtu prova li hemm rabta oġġettiva bejn l-attività tagħhom u l-prodott ikkonċernat, jistgħu, fil-limiti ġenerali ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(ii), jippreżentaw ruħhom u jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif. Il-partijiet li aġixxew b'konformità mas-sentenza preċedenti jistgħu jitolbu seduta filwaqt li jistipulaw ir-raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(iii). Ta' min jinnota li kwalunkwe

tagħrif imressaq skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku jitqies biss jekk ikun sostnut minn evidenza fattwali fil-mument meta jitressaq.

6. Il-limiti taż-żmien(a) *Il-limiti ġenerali ta' żmien*

- (i) Għall-partijiet biex jitolbu kwestjonarju jew formoli ta' talba oħrajn

Il-partijiet interessati kollha għandhom jitolbu kwestjonarju jew formoli oħrajn ta' pretensjoni malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- (ii) Biex il-partijiet jippreżentaw ruħhom, jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju u kull tagħrif ieħor

Il-partijiet interessati kollha, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-opinjoni tagħhom u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Ta' min jinnota li l-eżerċizzju tal-biċċa l-kbira mid-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi milli l-parti tippreżenta ruħha matul il-perjodu msemmi qabel.

- (iii) Is-seduti ta' smiġħ

Il-partijiet interessati kollha jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 40 jum.

- (b) *Il-limitu ta' żmien speċifiku għall-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq*

Il-partijiet fl-investigazzjoni jistgħu jikkumentaw dwar jekk l-Istati Uniti tal-Amerika humiex adatti minħabba li, kif imsemmi fil-punt 5.1(c), huma maħsuba bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq għall-iskop tal-istabbiliment tal-valur normali fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Dawn il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni sa għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- (c) *Il-limitu ta' żmien speċifiku biex jintbagħtu t-talbiet għal status ta' ekonomija tas-suq u/jew għal trattament individwali*

Talbiet issostanzjali kif xieraq dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq, (kif imsemmi fil-punt 5.1(d)) u/jew għat-trattament individwali skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

7. Is-sottomissjonijiet bil-miktub, tweġibiet tal-kwestjonarju u korrispondenza

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefon u tal-faks tal-parti interessata). Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduti mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati b'ħala "Ristretti" ⁽¹⁾ u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati".

L-indirizz għall-korrispondenza tal-Kummissjoni:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għal-Kummerċ
Direttorat H
Uffiċċju: N-105 04/092
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Faks +32 22956505

8. In-nuqqas ta' kooperazzjoni

Fkażijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għal, jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' żmien, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet provviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li kwalunkwe parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u għandhom jintużaw il-fatti disponibbli. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

9. L-iskeda tal-investigazzjoni

L-investigazzjoni se tingħalaq, skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri provviżorji jistgħu jiġu imposti mhux aktar tard minn disa' xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

10. L-ipproċessar ta' dejta personali

Ta' min jinnota li kull tagħrif personali miġbur f'din l-investigazzjoni se jiġi trattat skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' din id-dejta.

11. L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Smigħ tad-DĠ għall-Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-protezzjoni tal-interessi tagħhom f'din il-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji tal-kuntatti, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tas-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (<http://ec.europa.eu/trade>).

⁽¹⁾ Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa mħares skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim kontra d-dumping).

⁽²⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Komunikazzjoni mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tal-Olanda b'konnessjoni mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi

(2009/C 63/10)

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi jħabbar li rċieva applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-prospettar, għall-idrokarburi fil-provinċji ta' Flevoland, Friesland u Overijssel, fejn is-segment B-C jikkoinċidi mal-konfini tal-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni "Gorredijk", is-segment C-D-E-F-G jikkoinċidi mal-konfini tal-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni "Steenwijk" u s-segment G-H-I jikkoinċidi mal-konfini tal-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni "Schoonebeek".

Il-koordinati tal-medda koperta bl-applikazzjoni jiffurmaw il-perimetru li ġej:

X	Y	
169310,00	540380,00	A
172746,50	545447,70	B
191011,06	542944,63	C
191014,60	536077,60	D
194993,70	536115,50	E
195000,90	535125,60	F
197154,31	535082,00	G
196904,99	521474,81	H
204982,97	512000,00	I
185485,00	512000,00	J
185485,00	513404,00	K
173675,00	513404,00	L
168787,74	519217,28	M
168859,85	530854,87	N
173400,00	538260,00	O
177000,00	538700,00	P
176816,91	539788,00	Q
173200,00	539600,00	R
172400,00	541400,00	S
170500,00	540400,00	T

Il-koordinati jikkorrispondu mas-sistema użata mir-Rijksdriehoeksmeting.

L-applikazzjoni tkopri medda ta' 818,6 km².

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi b'dan jistieden lill-partijiet interessati biex iressqu applikazzjoni kompetitiva għall-prospettar tal-idrokarburi fil-medda koperta bl-applikazzjoni, b'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u l-Artikolu 15 tal-Att Minerarju (*Mijnbouwwet*) (*Staatsblad* 2002, 542).

Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi huwa responsabbli għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, kundizzjonijiet u rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stipulati fl-Att Minerarju (*Mijnbouwwet*)(*Staatsblad* 2002, 542).

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu għal 13-il ġimgħa mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u għandhom jiġu indirizzati lil:

De Minister van Economische Zaken
ter attentie van J.C. De Groot, directeur Energiemarkt
ALP/562
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
NEDERLAND

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu wara li tkun għaddiet din l-iskadenza.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tittieħed mhux aktar tard minn tmax-il xahar minn din l-iskadenza.

Aktar tagħrif jinkiseb permezz tan-numru tat-telefown: +31 70379738262 (persuna ta' kuntatt: P.C. de Regt).
